MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 8/2005

Alison Attard

vs

Jeffrey Attard;
Charles Jason Attard;
U ghal kull interess li jista' jkollha
Roberta armla ta' Alfred Attard.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet:

Illi missier l-attriċi Alfred Attard, bin Carmel u Maria Assunta nee' Zammit, imwieled Qala, Għawdex, miet fil-Pieta' Malta fil-ħamsa (5) ta' Diċembru elfejn u tnejn (2002) u rregola s-suċċessjoni tiegħu b'testment unika karta fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000);

Illi f'dak it-testment, Alfred Attard ħalla diversi legati favur tagħkom it-tlett konvenuti, u imbagħad istitwixxa liż-żewġ uliedu Jeffrey Attard u Charles Jason Attard bħala eredi universali tiegħu;

Illi l-attriċi bħala bint oħra ta' Alfred Attard qegħda titlob il-likwidazzjoni u ħlas tal-leġittima spettanti lilha fuq il-wirt ta' missierha, filwaqt illi l-konvenuti qegħdin jirrifjutaw illi jħallsu tali leġittima.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Alfred Attard billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk l-assi u d-debiti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Tillikwida l-leġittima spettanti lill-attriċi fuq il-wirt ta' missierha;

3. Tikkundannakom tħallsu lill-attriċi din il-leġittima kif hekk likwidata;

4. Tordna il-bejgħ ta' l-assi kompriżi fil-massa ereditarja ta' Alfred Attard sabiex mir-rikavat tkun tista' titħallas il-leġittima spettanti lill-attriċi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Diċembru 2004 kontra tagħkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi kkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Il-konvenuti bl-ebda mod ma jopponu l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attriċi u ċioe' sabiex jigu likwidati

l-assi ereditarji ta' Alfred Attard u anke' sabiex tiġi stabbilita l-leġittima spettanti lill-istess attriċi;

2. Illi ghar-rigward tat-tielet talba ħadd mill-konvenuti ma huwa f'pożizzjoni li jħallas l-ammont ta' leġittima li jista' jkun likwidat stante illi ħadd mill-konvenuti ma għandu l-assi finanzjarji neċessarji sabiex jagħmel dan;

3. Illi għar-rigward tar-raba talba u speċifikament tal-bejgħ ta' l-assi kompriżi fil-massa ereditarja, din it-talba hija wahda ntempestiva stante illi l-uniċi assi ereditarji huma nofs indiviż tad-dar tar-residenza ta' l-istess Alfred Attard liema nofs indiviż il-konvenuta Roberta Attard tgawdi d-dritt ta' abitazzjoni fuqu liema dritt joħroġ mill-liġi u liema dritt ma jistax jitnaqqas.

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Jeffrey Attard.

Rat il-verbal tagħha tat-12 ta' Ottubru 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza *in parte* fuq il-kwistjoni tal-valur tal-fond mikri għall-iskopijiet ta' komputazzjoni tal-leġittima dovuta lill-attriċi.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din il-kwistjoni.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob il-leġittima dovuta lilha fuq l-assi tal-mejjet missierha Alfred Attard. Fil-kors tas-smiegħ tal-kawża inqalgħet kwistjoni dwar il-valur li għandu jingħata lil wieħed mill-fondi formanti parti

mill-assi tad-*decujus* għall-fini tal-komputazzjoni ta' din il-leġittima.

Ġara illi permezz ta' skrittura privata datata s-16 ta' Diċembru 1999,[1] l-imsemmi Alfred Attard kien ikkonċeda b'titolu ta' lokazzjoni l-ħanut numru mija u disgħa u għoxrin (129) Triq l-Immakulata Konċezzjoni, Qala, lill-ibnu l-konvenut Charles Attard. Billi f'dik l-iskrittura kien ingħad illi l-kera kienet qed issir għal żmien indefinit, prorogabbli minn sena għall-oħra, il-konvenuti qed jikkontendu li l-inkwilin jista' jibqa' jgawdi din il-kirja kemm irid, bil-konsegwenza li l-valur ta' dan il-fond irid jiġi kkalkolat a bażi ta' fond b'kirja protetta. L-attriċi għall-kuntrarju tikkontendi illi, peress illi l-kirja saret wara l-emendi għal-liġijiet tal-kera tas-sena 1995,[2] din m'hi protetta xejn, u għalhekk japplikaw f'dan ir-rigward il-liġijiet normali taħt il-Kodiċi Ċivili. Infatti l-artikolu 1526(1) jagħmilha ċara illi "*il-kiri ta' ħaġa hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti lill-oħra t-tgawdija ta' ħaġa,* ***għal żmien miftiehem*** …" u mbagħad l-artkolu 1532 jistipula li "*meta ma jkunx hemm ftehim espress jew ċirkostanzi li jistgħu juru x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet dwar iż-żmien tal-kiri … il-kiri ta' bini jew ta' ħaġa mobbli jitqies magħmul għaż-żmien li għalieh hu meqjus il-kera, jiġifieri għal sena, jekk il-kera jkun ġie miftiehem tant fis-sena* …". Għalhekk fil-każ in eżami, billi l-kirja saret għal mitjen lira maltija (Lm200) fis-sena, il-kirja għandha titqies li kienet għal sena, u tiġġedded minn sena għall-oħra bil-kunsens tas-sid u l-inkwilin.

Fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jissottomettu illi jekk l-attriċi jidrilha li missierha ma setgħax jagħmel kirja bħal dik in kwistjoni, billi ma ssemmiex iż-żmien li għalieh kellha ddum fis-seħħ, messha għamlet kawża *ad hoc* biex tattakka din il-kirja. Il-Qorti pero' ma taqbel xejn ma din il-kontenzjoni, għaliex l-attriċi mhix tattakka l-validita' ta' din il-kirja, imma sempliċement qed tagħmel referenza għal klawsola tal-liġi li tirregola proprju każijiet simili fejn ma jkunx ġie stipulat

[1] Dok. C a fol. 43 tal-proċess
[2] Att XXI. 1995 .

żmien definittiv, mingħajr pero' ma timponi s-sanzjoni tal-invalidita' tal-kirja.

Għaldaqstant billi ġie stabilit li l-kirja in kwistjoni mhix waħda protetta taħt il-Kap. 69, u s-sid jista' jieħu r-ripresa meta jrid wara l-iskadenza ta' kull sena, m'għandu jkun hemm ebda diffikolta' biex dan il-fond jiġi stmat skond il-valur veru kummerċjali tiegħu.

Għal dawn il-motovi tiddeċidi f'dan l-istadju billi tiddikjara illi, għall-fini tal-komputazzjoni tal-leġittima dovuta lill-attriċi, il-ħanut numru mija disgħa u għoxrin (129) Triq il-Kunċizzjoni, l-Qala, għandu jkun ikkunsidrat bħala fond ħieles minn xi kirja protetta mil-liġi.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------